MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Numru 503/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Carmelo Dimech**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Dimech, bin Salvu u Nazzarena nee` Farrugia, imwieled nhar il-31 ta' Jannar 1959 u residenti fil-fond Our Nest, Triq l-Indipendenza, Zebbug, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita` 97059(M) li gie akkuzat talli fit-22 ta' Frar 2007 ghal habta ta' 15:30 hrs u fil-hinijiet ta' wara fi Triq Sant'Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex, bhala persuna li fuqu ghandu registrata vettura bin-numru EMI 003 ta' ghamla Isuzu:

1. ippermetta lil persuna mhux maghrufa ssuq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjata ghat-triq;
2. aktar talli ppermetta lill-persuna mhux maghrufa ssuq l-imsemmiija vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni u dan ghal riskju ta' terzi persuni;
3. aktar talli naqas li jinforma lill-Kumissarju tal-Pulizija jew lill-awtorita` dwar it-Transport ta' Malta bi trasferiment tal-imsemmija vettura fi zmien stipulat mil-Ligi;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija l-akkuzat jigi skwalifikat mil-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-24 ta' Novembru, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputat Carmelo Dimech hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu multa ta' tmenin Euro (€80.00) u sabitu hati, fuq ammissjoni, tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' mija u hamsin Ewro (€150.00). Inoltre il-Qorti ordnat li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ghaxart ijiem li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta tad-data tas-sentenza.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imputat Carmelo Dimech minnu prezentat fit-30 ta' Novembru 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha f'dik il-parti fejn ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal zmien ghaxart ijiem.

**4.** Rat l-atti, d-depozizzjonijiet tax-xhieda u d-dokumenti esebiti.

**5.** L-imputat appellant nstab hati mill-ewwel Qorti talli fit-22 ta' Frar 2007 ppermetta persuna mhux maghrufa ssuq il-vettura tal-marka Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni EMI 003 minghajr ma l-istess vettura kienet licenzjata ghat-triq u, fuq ammissjoni, talli naqas li jinforma lill-Kummissarju

tal-Pulizija jew lill-awtorita’ dwar it-Trasport bi trasferiment tal-istess vettura fi zmien skont il-ligi.

**6.** L-aggravji tal-appellant huma dwar il-piena nflitta mill-ewwel Qorti. L-ewwel aggravju tieghu jippretendi li ma kellux jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan peress li jsostni li l-prosekuzzjoni ma gabitx il-prova jekk “il-persuna mhux maghrufa” li allegatament saqet il-vettura in kwistjoni kellhiex il-licenzja mehtiega biex issuq il-vettura kif previst fl-artikolu 15(1)(b) tal-Kap 65. Fit-tieni aggravju tieghu isostni li l-iskwalifika tas-sewqan ser tikkawzalu tbaghtija ngustifikata peress li hu ma kien jahti xejn ghan-negligenza tas-sewwieq Joseph Bugeja meta sar l-incident xhur wara li l-vettura kienet inbieghet lilu.

Ikkunsidrat:

**7.** Dwar l-ewwel aggravju jidher li l-imputat qieghed taht l-impressjoni li huwa nstab hati talli gieghel, halla jew ippermetta vettura tieghu tinsaq minn persuna li ma kellhiex il-licenzja mehtiega biex issuq vettura ohra u dan skont l-artikolu 15(1)(b) tal-Kap. 65. Dan, izda, kjarament mhux il-kaz.

**8.** Di fatti fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u cioe’, kif espressament iddikjarat il-Qorti fis-sentenza taghha appellata, talli ppermetta lil persuna mhux maghrufa ssuq vettura minghajr me kienet licenzjata ghat-triq. Din l-imputazzjoni tinkwadra fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 u mhux fl-artikolu 15(1)(b) tieghu. Ghall-finijiet tar-reat taht l-artikolu 15(1)(a) il-prosekuzzjoni ma kellha ebda htiega li tipprova li l-persuna li saqet il-vettura ma kellhiex licenzja biex issuq dik il-vettura izda hu bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova li l-vettura ma kienetx licenzjata.

**9.** Ma hemmx dubbju li ghall-htija tar-reat ta’ sewqan ta’ vettura mhux licenzjata hu applikabbli s-subartikolu (3) tal-artikolu 15 tal-Kap 65 u cioe’ li l-Qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, b’zieda ghall-piena ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta’ mhux anqas minn tmint ijiem.

**10.** Dan l-ewwel aggravju ghalhekk ma hux fondat u qieghed jigi respint.

**11.** It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda t-tbaghtija li ser ibati l-appellant jekk jigi skwalifkat mill-licenzja tas-sewqan meta hu ma kien jahti xejn ghan-negligenza tas-sewwieq Joseph Bugeja meta sehh l-incident fit-22 ta' Frar 2007, xhur wara li l-vettura kienet inbieghet lilu u kellhom jittiehdu passi fil-konfront tieghu jekk dak iz-zmien tal-incident l-vettura li saq ma kenitx licenzjata.

**12.** Dan l-aggravju, fic-cirkostanzi ta' kif hu arginat dan l-appell, hu ghal kollox mal koncepit. L-appellant ma appellax mis-sejbien ta' htija li sabet l-ewwel Qorti taht l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 u ghalhekk fir-rigward tal-htija s-sentenza appellata hi ormaj gudikat. Ghall-htija tar-reat taht dak l-artikolu hu applikabbli l-artikolu 15(3) tal-istess Kap li jipprevedi li l-Qorti ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem. Dan hu li ghamlet l-ewwel Qorti u ma jirrizultax li l-perjodu ta' skwalifika huwa eccessiv.

**13.** Ghalhekk dan l-aggravju wkoll irid necessarjament jigi respint.

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi tichad l-appell tal-appellant Carmelo Dimech u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li z-zmien tal-iskwalifika mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan jibda jiddekorri minn minuta wara nofs il-lejl ta' llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------